Comment [IC1]: Page: 1

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 19 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 573/01AE**

C. Camilleri & Sons Ltd

Vs

Carmel Portelli

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tlett liri Maltin u sebgha centezmi (Lm203.07) hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma l-avviz tat-talba bil-gurament u li l-ammont mitlub ghadu dovut kollu.

Ra d-dokument li gie pprezentat mis-socjeta attrici (Dok. CP1) minn fejn jirrizulta li l-ammont dovut huwa ta' mija u hamsa u disghajn lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm195.32) u d-differenza qieghed jintalab bhala hlas ta' spejjez gudizzjarji.

Illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentax risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta

attrici s-somma ta' mija u hamsa u disghajn lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm195.32), dovuta ghar-ragunijiet premessi.

L-ispejjez, skond dak li jiddisponi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380, jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**